DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ġunju 2011

dwar il-miżura SA.27106 (C 13/09 – ex N 614/08) li Franza fi ħsiebha twettaq fir-rigward tas-settur tal-portijiet

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4391)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/519/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom [2] skont l-Artikolu 108, paragrafu 2, l-ewwel inċiż, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") [3] u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra tal-4 ta' Diċembru 2008, l-awtoritajiet Franċiżi nnotifikaw, skont l-Artikolu 108, paragrafu 3, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), skema ta' għajnuna li jikkonsisti f'miżuri fiskali li jakkumpanjaw ir-riforma tal-portijiet prevista mil-liġi nru 2008-660 tal-4 ta' Lulju 2008 [4]. L-għajnuna ġiet irreġistrata taħt in-numru N 614/2008.

(2) Id-dispożizzjonijiet fiskali nnotifikati kienu maħsuba sabiex jakkumpanjaw it-trasferiment tat-tagħmir tal-manutenzjoni tal-portijiet lil operaturi privati kif previst fir-riforma. Dan l-istrument kellu żewġ miżuri, li huma, minn naħa waħda, tnaqqis digressiv, fuq medda massima ta' 5 snin, mill-valur tal-kera li sservi ta' bażi għall-kalkolu tat-taxxi lokali tal-operaturi privati li jieħdu għodod ta' manutenzjoni tal-portijiet u min-naħa l-oħra, il-possibbiltà għall-awtoritajiet lokali li jmexxu portijiet marittimi biex jeżentaw lill-impriżi ta' manutenzjoni mit-taxxa tan-negozju għal żmien massimu ta' sitt snin.

(3) B'ittra tal-11 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jipprovdu aktar informazzjoni, mhux biss dwar l-istrument fiskali nnotifikat, iżda wkoll dwar il-proċedura ta' trasferiment tal-għodod, tagħmir u installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-port mill-portijiet marittimi l-kbar. Fuq talba mill-awtoritajiet Franċiżi, ingħata aktar żmien għat-tweġiba sad-9 ta' Frar 2009.

(4) Saret laqgħa bejn l-awtoritajiet Franċiżi u s-servizzi tal-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009. B'ittra tal-10 ta' Frar 2009, l-awtoritajiet Franċiżi għaddew aktar informazzjoni lill-Kummissjoni.

(5) B'ittra tad-9 ta' April 2009 (D/2165), il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Franċiżi bid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' April 2009 li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108 (2), TFUE. Din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnali Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [5]. Minn naħa, hija tirrigwarda l-istrument fiskali nnotifikat, u min-naħa l-oħra tirrigwarda l-proċedura ta' trasferiment tal-għodod, tagħmir u installazzjonijiet speċifiċi ta' manutenzjoni tal-portijiet. Permezz ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni stiednet lil Franza u lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'perjodu stabbilit.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet, fil-11 ta' Mejju 2009 (A/18191), l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Franċiżi. Irċeviet ukoll, fil-perjodu stabbilit, l-osservazzjonijiet ta' parti interessata, jiġifieri l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Portijiet Marittimi (minn hawn 'il quddiem "l-ESPO"). L-osservazzjonijiet tal-ESPO ingħaddew lill-awtoritajiet Franċiżi b'ittra tas-16 ta' Lulju 2009 (D/60307) li kkummentaw dwarhom fl-ittra tas-27 ta' Awwissu 2009 (A/28446).

---

[1] ĠU L 1 tat-3.1.1994, p. 3.

[2] ĠU C 122 tat-30.5.2009, p. 16.

[3] B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru, rispettivament, l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fiż-żewġ każi, id-dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi għal dawk ta' qabel. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu, jekk ikun il-każ, bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 rispettivament tat-Trattat tal-KE.

[4] JORF nru 0156, 5.7.2008.

[5] ĠU C 122 tat-30 ta' Mejju 2009, p. 16.

(7) Saret laqgħa bejn l-awtoritajiet Franċiżi u s-servizzi tal-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2009. B'ittra tal-25 ta' Jannar 2010 (A/3263) u tal-24 ta' Marzu 2010 (A/5136), l-awtoritajiet Franċiżi għaddew aktar informazzjoni lill-Kummissjoni.

(8) B'ittra tad-9 ta' Ġunju 2010 (D/7519), fil-qafas tar-riforma tat-taxxa tan-negozju li ddaħħlet fi Franza, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jipprovdu aktar informazzjoni. B'din l-ittra, il-Kummissjoni xtaqet tikseb xi kjarifiki dwar l-inċidenza tat-tneħħija tat-taxxa tan-negozju fuq l-istrument innotifikat u fuq il-proċedura.

(9) B'ittra tat-2 ta' Lulju 2010, l-awtoritajiet Franċiżi talbu estensjoni taż-żmien mogħti lilhom biex iwieġbu. Ir-risposta tal-awtoritajiet Franċiżi waslet għand il-Kummissjoni b'ittra tal-4 ta' Awwissu 2010 (A/11533).

(10) F'din l-ittra, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni li huma jirtiraw in-notifika tagħhom dwar dak li jirrigwarda l-aspett fiskali relatat mal-possibbiltà tal-awtoritajiet lokali li jmexxu portijiet marittimi biex jeżentaw lill-impriżi tal-manutenzjoni mit-taxxa tan-negozju għal żmien massimu ta' sitt snin. Fil-fatt, din il-miżura kienet tipprevedi il-possibbiltà li ma jiġix ikkunsidrat il-valur tal-kera tal-għodod, it-tagħmir, u l-installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-portijiet fil-kalkolu tat-taxxa tan-negozju, taħt ċerti kundizzjonijiet u mill-2010 sal-2015. Iżda, din il-possibbiltà tilfet l-għan tagħha fil-kuntest tat-tneħħija tat-taxxa professjonali u barra minn hekk ġiet revokata mil-liġi tal-finanzi għall-2010.

(11) Dwar l-aspett fiskali tan-notifika dwar it-tnaqqis digressiv u limitat fiż-żmien tal-valur tal-kera li sservi biex jiġu stabbiliti t-taxxi lokali tal-operaturi privati li jieħdu l-għodod, it-tagħmir u l-installazzjonijiet tal-portijiet marittimi l-kbar, fl-ittra tagħhom tat-2 ta' Lulju 2010 l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw li dan it-tnaqqis japplika bl-istess mod għat-taxxa fuq l-art tal-impriżi li jaqgħu taħt il-kontribuzzjoni ekonomika territorjali ([6]) li tieħu post it-taxxa tan-negozji. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-erba' impriżi benefiċjarji ([7]) ta' din il-miżura u bit-total ta' vantaġġ fiskali li jirriżulta għal kull waħda minnhom.

(12) Il-valorizzazzjoni attwalizzata tal-vantaġġi fiskali miġbura wriet, għal tlieta mill-impriżi kkonċernati, eżenzjoni fiskali inferjuri għal-limitu minimu ta' elfejn euro fuq perjodu konsekuttiv ta' tliet eżerċizzji fiskali definit permezz tar-Regolament (KE) nru 1998/2006 tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna de minimis ([8]). Dan ma kienx il-każ għar-raba' impriża kkonċernata.

(13) F'dan il-kuntest u wara diversi kuntatti mal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi ddeċidew li jillimitaw il-vantaġġ mogħti lill-impriża f'applikazzjoni tal-miżura msemmija fil-preambolu 11 għal-limitu minimu u fil-kundizzjonijiet previsti mir-Regolament (KE) Nru 1998/2006.

(14) Barra minn hekk, b'ittra tal-20 ta' Jannar 2011, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-Artikolu 36 tal-liġi ta' emenda dwar il-finanzi nru 2010-1658 tad-29 ta' Diċembru 2010 ([9]), li jissoġġetta l-benefiċċju tat-tnaqqis digressiv fiskali previst fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet għall-ħarsien tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006. L-awtoritajiet Franċiżi infurmaw bl-istess mod lill-Kummissjoni bl-irtirar tan-notifika tagħhom f'dak li jirrigwarda dan l-aħħar aspett fiskali tar-riforma tal-portijiet.

(15) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi rtiraw in-notifika f'dak li jirrigwarda l-istrument fiskali kollu nnotifikat. Din id-Deċiżjoni tirrigwarda biss il-proċedura taċ-ċessjoni tal-għodod, tagħmir u installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-portijiet li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2009. Din id-Deċiżjoni ma tirrigwardax il-kundizzjonijiet tal-użu tal-għodod, tagħmir u installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-portijiet qabel jew wara ċ-ċessjoni tagħhom.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA INKWISTJONI

2.1. Elementi tal-kuntest

(16) Il-miżura inkwistjoni taqa' taħt il-kuntest tar-riforma tal-portijiet li hi soġġetta għal-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet ([10]). L-għan ta' din ir-riforma hu li ttejjeb il-prestazzjoni u l-kompetittività tal-portijiet marittimi Franċiżi (Dunkerque, Le Havre, Nantes Saint Nazaire, La Rochelle, Bordeaux u Marseille).

([6]) Skont il-liġi nru 2009-1673 tat-30 ta' Diċembru 2009 tal-finanzi għall-2010 (JORF nru 0303 tal-31.12.2009), hi imposta kontribuzzjoni ekonomika territorjali komposta minn kontribuzzjoni tal-art tal-intrapriżi u minn kontribuzzjoni fuq il-valur miżjud tal-intrapriżi.

([7]) Société d'Équipement du Terminal de Normandie (SETN), Générale de Manutention Portuaire (GMP), Compagnie Nouvelle de Manutention portuaire (CNMP) u STMC6.

([8]) ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.

([9]) Din id-dispożizzjoni li temenda l-Artikolu 1518 A bis tal-Kodiċi tat-Taxxa Ġenerali dwar it-tnedija ta' taxxi lokali ddaħħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 u b'hekk tapplika mill-ewwel sena ta' eżenzjoni. Mal-Artikolu 1518 A bis imsemmi qed jiżdied is-subparagrafu li ġej: "Il-benefiċċju tat-tnaqqis hu soġġett fir-rigward tar-Regolament (KE nru 1998/2006 tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuniet de minimis."

([10]) Liġi nru 2008-660 tal-4 ta' Lulju 2008 dwar ir-riforma tal-portijiet (ara n-nota tal-qiegħ tal-paġna nru 4).

(17) F'dan il-kuntest, il-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet għandha l-għan li:

— tiddefinixxi mill-ġdid il-missjonijiet tal-portijiet awtonomi li fi Franza metropolitana jsiru "l-portijiet marittimi l-kbar" ([11]);

— timmodernizza t-tmexxija tal-portijiet marittimi l-kbar;

— torganizza l-koordinazzjoni bejn portijiet tal-istess naħa jew li jinsabu fuq l-istess assi tal-kanali tal-ilma;

— tissimplifika u tirrazzjonalizza l-manutenzjoni tal-portijiet skont il-mudell tal-portijiet Ewropej ewlenin bl-implimentazzjoni ta' operaturi integrati tat-terminali responsabbli mill-operazzjonijiet kollha tal-manutenzjoni.

(18) Il-missjonijiet tal-portijiet marittimi l-kbar se jiġu ffukati fuq l-attivitajiet ta' sovranità (sigurtà, sikurezza u l-pulizija tal-portijiet) u fuq il-funzjonijiet marbuta mal-ġestjoni tas-settur tal-portijiet. Min-naħa l-oħra, l-operaturi integrati tat-terminali se jkunu responsabbli mill-operazzjonijiet kollha tal-manutenzjoni sabiex tiġi mtejba l-effiċjenza fl-attivitajiet tagħhom.

(19) L-awtoritajiet Franċiżi ppreċiżaw li ċ-ċessjoni tal-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-portijiet li għadhom jitwettqu mill-portijiet marittimi l-kbar lejn operaturi privati bi proċedura ta' trasferiment tat-tagħmir fil-portijiet marittimi l-kbar kienet tagħmel parti minn dan il-kuntest ta' simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-portijiet. Indikaw ukoll li r-riforma tqarreb lis-sistema Franċiża lejn il-mudell Ewropew fejn il-funzjonijiet rispettivi tal-awtorità tal-portijiet u tal-operatur tal-portijiet huma distinti b'mod ċar u fejn dan tal-aħħar ħafna drabi jkun impriża privata.

2.2. **Il-proċedura ta' trasferiment tal-għodod**

(20) Il-portijiet marittimi l-kbar qed jieqfu jużaw l-għodod, it-tagħmir u l-installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-portijiet (aktar 'il fuq, "l-għodod ta' manutenzjoni") u qed jgħadduhom lil impriżi privati skont proċedura ta' trasferiment spjegata fl-Artikolu 9 tal-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet.

(21) Fit-termini ta' din id-dispożizzjoni ([12]), il-proċedura ta' trasferiment tal-għodod ta' manutenzjoni u ta' trasferiment tad-drittijiet in rem li huma marbuta magħhom tinqasam f'diversi stadji:

— l-ewwel nett, il-port marittimu l-kbir jinnegozja l-modalitajiet taċ-ċessjoni tal-għodod ta' manutenzjoni mal-operaturi li jużaw is-servizzi tal-port regolarment jew li jkunu għamlu investimenti sinifikanti fit-terminal.

— jekk ma jkunx hemm operaturi preżenti jew jekk innegozjati ma jitlestewx b'suċċess f'perjodu ta' tliet xhur, il-port marittimu l-kbir jagħmel sejħa għal proposti fil-kuntest ta' proċedura trasparenti u non-diskriminatorja.

— jekk is-sejħa għal proposti ma tkunx ta' suċċess u jekk il-proġett strateġiku tal-port marittimu l-kbir jipprevedi dan, il-port jista' joħloq sussidjarja li lilha tiġi fdata l-attività kkonċernata. Fuq medda ta' perjodu ta' ħames snin, issir sejħa ġdida għall-proposti. Mal-konklużjoni tas-sejħa għal proposti, jiġu konklużi ftehimiet tat-terminal mal-operaturi magħżula.

([11]) Wara din ir-riforma, il-portijiet marittimi se jkunu klassifikati f'żewġ kategoriji: il-portijiet marittimi l-kbar, suċċessuri ta' dawk li qabel kienu portijiet awtonomi, u l-portijiet l-oħra tal-kummerċ imsejħa "deċentralizzati", li jaqgħu taħt l-awtoritajiet lokali.

([12]) "I. — Il-proċedura ta' bejgħ tal-għodod imsemmija fl-Artikolu 7 u ta' bejgħ tad-drittijiet in rem li huma marbuta magħhom hi li ġejja: 1º Jekk operatur jew aktar diġà wettqu investiment fuq it-terminal jew, bħala utenti regolari tal-għodod, ittrattaw traffiku sinifikanti fuq dan it-terminal, in-negozjati għat-trasferiment jitwettqu magħhom, fuq talba tagħhom; 2º F'każ ta' assenza tal-operaturi ddefiniti fil-punt 1º jew jekk in-negozjati ma tlestewx b'suċċess f'perjodu ta' tliet xhur wara l-adozzjoni tal-proġett strateġiku jew id-Digriet msemmija fl-Artikolu 8, il-port marittimu l-kbir jagħmel sejħa għal proposti. Imbagħad jinnegozja liberament mal-kandidati, li jintgħażlu fil-kuntest ta' proċedura trasparenti u non-diskriminatorja. Fit-termini ta' dan in-negozjar, il-port marittimu l-kbir jagħżel l-operatur li miegħu tiġi konkluża konvenzjoni tat-terminal. Din il-konvenzjoni, li tinkludi awtorizzazzjoni ta' xogħol tal-qasam pubbliku, tista' tipprevedi għanijiet tat-traffiku; 3º Jekk is-sejħa għall-proposti msemmija fil-punt 2º ma tkunx ta' suċċess u jekk il-proġett strateġiku jipprevedi dan, il-port marittimu l-kbir jafda din l-attività lil sussidjarja għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-istabbiliment jipproċedi għal sejħa ġdida għall-proposti. F'każ ta' sejħa għall-proposti mingħajr suċċess, l-attività tkompli tkun eżerċitata mis-sussidjarja jekk il-proġett strateġiku jipprevedi dan. Il-proċess spjegat hawn fuq jiġi mġedded kemm hemm bżonn għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin kull darba, sakemm tirnexxi sejħa għall-proposti."

(22) Skont l-Artikolu 9 tal-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet, kummissjoni nazzjonali indipendenti, jiġifieri l-kummissjoni nazzjonali għall-evalwazzjoni taċ-ċessjoni ta' għodod tal-portijiet (minn hawn 'il quddiem is-"CNECOP"), hi inkarigata li tħares l-andament tajjeb u t-trasparenza tal-proċedura ta' trasferiment tal-għodod ([13]). Ir-rwol tagħha hu li tibgħat opinjoni dwar l-evalwazzjoni tal-oġġetti qabel iċ-ċessjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, trid tikkunsidra l-bilanċ ekonomiku u l-perspettivi ta' żvilupp tal-attività. Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, is-CNECOP tista' wkoll tirreferi għal espert biex jevalwa l-valur tal-oġġetti.

(23) L-opinjonijiet tas-CNECOP jingħataw fuq il-bażi tal-abbozzi tal-att ta' trasferiment li b'mod obbligatorju għandhom jidhru fid-dossier mibgħut mill-presidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-portijiet marittimi l-kbar skont l-Artikolu 9 tal-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet. Dawn l-abbozzi jsemmu l-ispjegazzjoni tal-għodod li għandhom jinbiegħu, il-prezzijiet ta' trasferiment tagħhom kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-finanzjament tagħhom.

(24) L-ebda att definittiv ta' trasferiment ma jista' jkun iffirmat mingħajr opinjoni preliminari tas-CNECOP. Din hi opinjoni sempliċi (mhux vinkolanti) ppubblikata fuq livell nazzjonali u lokali.

(25) Fost il-membri tagħha s-CNECOP għandha maġistrat tal-Qorti tal-Awdituri, rappreżentant tal-awtoritajiet lokali u persuna kkwalifikata magħżula minħabba l-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-portijiet. Il-funzjoni tal-membri tas-CNECOP hija inkompatibbli ma' funzjonijiet oħra ta' responsabbiltà fil-ġestjoni jew is-sorveljanza ta' portijiet marittimi kbar jew ta' impriżi ta' manutenzjoni li jixtru tagħmir pubbliku, għall-perjodu kollu tal-mandat u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tmiem tiegħu.

3. RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' EŻAMI FORMALI

(26) Fid-Deċiżjoni tagħha tat-8 ta' April 2009, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma setax ikun eskluż li ċ-ċessjoni tal-għodod tal-manutenzjoni fir-rigward tal-proċedura nnegozjata tinkorpora xi elementi tal-għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sostniet li l-opinjoni tas-CNECOP mhijiex vinkolanti. Iżda, fin-nuqqas ta' din il-karatteristika ta' vinkolanza, il-Kummissjoni esprimiet xi dubji dwar il-fatt li l-oġġetti jinbiegħu bil-prezz tas-suq. Il-Kummissjoni esprimiet ukoll tħassib dwar l-indipendenza tal-membri tas-CNECOP.

(27) Dwar l-eżami tal-kumpatibbiltà ta' din il-proċedura ta' trasferiment tal-għodod tal-manutenzjoni mas-suq intern, il-Kummissjoni stmat li l-ebda deroga prevista fl-Artikolu 107(2) u (3) tat-TFUE ma tidher applikabbli f'dan il-każ.

(28) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tneħħi d-dubji dwar il-kwalifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-proċedura taċ-ċessjoni tal-għodod ta' manutenzjoni u dwar il-kumpatibbiltà ta' dawn il-miżuri mas-suq intern.

4. KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI

(29) Dwar in-natura ta' opinjoni maħruġa mis-CNECOP, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li din tal-aħħar hi ffurmata minn erba' membri indipendenti fosthom il-president, maħtur fost il-maġistrati tal-Qorti tal-Awdituri mill-Ewwel president tagħha u li hi toħroġ opinjoni dwar id-dossiers ta' trasferiment tal-għodod pubbliċi li jibagħtulha l-presidenti tal-bords eżekuttivii tal-portijiet marittimi l-kbar. Dawn id-dossiers jinkludu spjegazzjoni tal-proċedura nnegozjata segwita, il-lista tal-oġġetti ttrasferiti, l-abbozz tal-att ta' trasferiment li jindika b'mod partikolari l-prezz previst taċ-ċessjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet previsti għall-użu tat-terminal.

(30) Ifakkru wkoll li s-CNECOP għandha bħala l-missjoni ewlenija tagħha l-iżgurar, skont l-Artikolu L. 3211-18 tal-kodiċi ġenerali tal-proprjetà tal-entitajiet pubbliċi, li l-għodod pubbliċi mhumiex ser jiġi ttrasferiti "la b'xejn, u l-anqas bi prezz inferjuri għall-valur tas-suq", b'hekk jissodisfaw ir-rekwiżiti taċ-ċessjoni ta' assi pubbliċi bil-prezz tas-suq.

(31) Jgħidu wkoll li din il-kummissjoni għandha toħroġ opinjoni sempliċi li ser tiġi ppubblikata sabiex tipprevjeni kwalunkwe ċessjoni bi prezz inferjuri għal dak tas-suq u jimpenjaw ruħhom f'dan ir-rigward sabiex din l-opinjoni tkun pubblikata fil-bulettin uffiċjali tal-Ministeru tal-ambjent, l-enerġija, u l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni tat-territorju fuq is-sit tal-Ministeru kif ukoll, fuq livell lokali, permezz ta' affissjoni, f'kull wieħed mill-portijiet marittimi l-kbar. L-awtoritajiet Franċiżi jisħqu li se jibagħtu wkoll ittra lil kull president tal-bords eżekuttivii tal-portijiet marittimi l-kbar – li d-direttur tagħhom hu responsabbli mill-ħarsien tal-interessi tal-port – li tfakkar il-modalitajiet tal-funzjonament tas-CNECOP, kif ukoll ir-regoli taċ-ċessjoni tal-assi pubbliċi li b'mod obbligatorju jridu jikkonformaw magħhom.

(32) F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Franċiżi jgħidu wkoll li, skont l-Artikolu L. 313-6 tal-kodiċi tal-qrati finanzjarji, il-presidenti tal-bords eżekuttivii jistgħu jeħlu multa b'total li jista' jilħaq id-doppju tal-ammont tal-paga jew salarju gross annwali li kien allokat lilhom fid-data tal-ksur għal kull vantaġġ mhux ġustifikat li ppruvaw jieħdu jew li taw lil ħaddieħor, kemm jekk dan il-vantaġġ ikun fi flus jew in natura u li jkun ta' ħsara għat-Teżor, l-awtorità jew il-korp ikkonċernat.

([13]) Il-modalitajiet tal-funzjonament tas-CNECOP huma stabbiliti mill-Artikoli 6 u 7 tad-digriet nru 2008-1032 tad-9 ta' Ottubru 2008 adottat skont il-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet li ġġib riforma portwarja u li jinkludi diversi dispożizzjonijiet relatati mal-qasam tal-portijiet.

(33) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jintrabtu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea, qabel l-iffirmar tal-att ta' ċessjoni, bid-deċiżjoni sħiħa ta' president ta' Bord Eżekuttiv ta' port marittimu kbir li jiddevja mill-opinjoni tas-CNECOP.

(34) Dwar il-kompetenza u l-indipendenza tal-membri tas-CNECOP, l-awtoritajiet Franċiżi jibagħtu lill-Kummissjoni l-curriculum vitae tal-erba' membri tas-CNECOP, fosthom dak tal-president tagħha u bid-dettalji tal-kwalifiki ta' kull wieħed mill-membri tagħha fir-rigward tal-kompetenzi tas-CNECOP. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dawn il-persuni kollha kienu proposti minħabba l-għarfien tagħhom dwar il-proċessi ta' trasferimenti u tal-privatizzazzjoni jew l-esperjenza tagħhom fil-qasam tal-portijiet, kif jirriżulta mill-curriculum vitae tagħhom.

(35) Partikolarment f'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru wkoll li l-indipendenza tal-maġistrati tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-setgħa legali u s-setgħa eżekuttiva hi ggarantita mill-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958 u kkonfermata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali 2001-448 DC tal-25 ta' Lulju 2001 u li dik tal-Membri Parlamentari fir-rigward tas-setgħa eżekuttiva hi ggarantita mill-Artikolu 16 tad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin tas-26 ta' Awwissu 1789 li tikkonsakra l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat u li tinsab fil-preambolu tal-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958.

(36) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li, skont l-Artikolu 6 tad-Digriet nru 2008-1032 ([14]) tad-9 ta' Ottubru 2008 adottat skont il-liġi nru 2008-660, regoli ta' inkompatibbiltà li jikkostiwixxu garanzija addizzjonali tal-indipendenza tal-membri tas-CNECOP huma imposti fuq il-membri tagħha matul il-perjodu kollu tal-mandat tagħhom u għal ħames snin wara t-tmiem ta' dan il-mandat:

— b'kull mandat ta' membru tal-bord tad-diretturi, tal-bord eżekuttiv jew tal-bord ta' sorveljanza ta' kumpanija tal-manutenzjoni tal-portijiet li tkun akkwistat għodod tal-portijiet pubbliċi, kif ukoll bl-eżerċizzju ta' attività mħallsa minn tali impriżi; u

— b'kull mandat ta' membru tal-bord ta' sorveljanza jew tal-bord eżekuttiv ta' port marittimu kbir.

(37) Fl-aħħar nett, hu mfakkar li l-kapaċità ta' ħila esperta tas-CNECOP tista' tiġi msaħħa, permezz tal-Artikolu 7 tad-Digriet nru 2008-1032 tad-9 ta' Ottubru 2008 (iċċitat iktar 'il fuq) li jipprevedi l-possibbiltà ta' konsulenza ta' espert sabiex ikun evalwat b'mod aktar preċiż il-valur tal-assi qabel ma jiġu ttrasferiti lill-impriżi ta' manutenzjoni.

([14]) JORF nru 0237, 10.10.2008.

(38) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-proċeduri ta' ċessjoni previsti mil-liġi dwar ir-riforma tal-portijiet jipprevedu l-garanziji neċessarji kollha biex jiżguraw li ċ-ċessjoni tal-għodod tal-manutenzjoni tal-portijiet u xi drittijiet in rem li huma marbuta magħhom isiru bil-valur tas-suq u, għaldaqstant, ma jinvolvu l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat.

5. KUMMENTI TAL-PARTI INTERESSATA U KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI DWAR IL-KUMMENTI TAL-PARTI INTERESSATA

(39) L-ESPO ssostni, b'appoġġ għall-pożizzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi, li r-riforma kkonċernata bl-implimentazzjoni tal-mudell imsejjaħ "landlord model", tikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetittività tal-portijiet Franċiżi kif ukoll tal-prestazzjoni globali tal-portijiet Ewropej. Iċ-ċessjoni tal-attivitajiet tal-manutenzjoni tal-portijiet mill-portijiet marittimi l-kbar lejn operaturi privati fil-fatt ser timmodernizza t-tmexxija tal-portijiet marittimi l-kbar Franċiżi billi jiġu adattati għall-mudell l-aktar użat fl-Unjoni Ewropea u fid-dinja.

(40) Fid-dawl tal-kumplessità ta' tali riforma kif ukoll tal-implikazzjonijiet soċjali u finanzjarji tagħha, l-ESPO tgħid li l-appoġġ tal-Istat Membru kkonċernat f'riforma fuq dik l-iskala spiss hu l-uniku mod biex issir aċċettabbli għall-partijiet kollha involuti.

(41) Filwaqt li ma tixtiqx tagħti evalwazzjoni dettaljata dwar il-kwalifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat, l-ESPO tinnota li l-kundizzjonijiet tal-evalwazzjoni tal-għodod huma ta' natura li tiggarantixxi li ċ-ċessjoni tagħhom titwettaq bi prezz tas-suq.

(42) L-awtoritajiet Franċiżi jaqblu mal-osservazzjonijiet tal-ESPO.

6. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

(43) Wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali li nbdiet fuq il-bażi tal-Artikolu 108(2), TFUE u wara li kkunsidrat l-argumenti ppreżentati f'dan il-kuntest mill-awtoritajiet Franċiżi u l-parti interessata, il-Kummissjoni jidhrilha li l-miżura kkonċernata ma tinvolvix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1), TFUE.

(44) Skont l-Artikolu 107(1), TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni".

(45) Il-kwalifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat tissupponi li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin ikunu ssodisfati, jiġifieri: il-miżura in kwistjoni tagħti vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat, 2) dan il-vantaġġ ikun selettiv u 3) il-miżura tista' tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u tista' taffettwa l-iskambji bejn l-Istati Membri ([15]).

(46) L-ewwel nett ikun tajjeb li wieħed jinnota li fil-kuntest preżenti, sabiex ikun eskluż kull tip ta' vantaġġ, l-assi pubbliċi kkonċernati, jiġifieri l-għodod ta' manutenzjoni tal-portijiet, iridu jinbiegħu bil-prezz tas-suq.

(47) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-bejgħ tal-għodod tal-manutenzjoni tal-portijiet ma jseħħx fil-qafas ta' proċedura ta' offerti miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kundizzjonata, peress li tali proċedura tiġi implimentata biss jekk il-proċedura nnegozjata ma tirnexxix mal-operaturi diġà preżenti jew jekk m'hemmx operaturi preżenti (ara l-preambolu 21).

(48) Madankollu, il-Kummissjoni tisħaq li, fil-każ ta' bejgħ innegozjat, il-proċedura proposta tipprevedi l-istabbiliment ta' kummissjoni nazzjonali ta' evalwazzjoni tal-assi mibjugħa, is-CNECOP. Il-Kummissjoni tinnota li s-CNECOP trid tagħti, qabel iċ-ċessjoni, opinjoni pubblika dwar il-valur tal-assi għall-bejgħ.

(49) Fil-kuntest tad-Deċiżjoni tagħha tat-8 ta' April 2009 li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni qalet li peress li l-opinjoni espressa mis-CNECOP ma kinitx vinkolanti, ma setax ikun eskluż li l-assi jinbiegħu bi prezz inferjuri għall-prezz tas-suq.

(50) Waqt li kkunsidraw id-dubji espressi mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi infurmawha, bl-ittri tal-20 ta' Jannar 2010 u tal-24 ta' Marzu 2010 bl-ittri li ntbagħtu mid-direttur tas-servizzi tat-trasport lill-presidenti kollha tal-bords eżekuttivii tal-portijiet marittimi l-kbar, datati s-16 ta' Marzu 2009 u t-18 ta' Jannar 2010, li jiċċaraw il-kuntest tan-negozjati għaċ-ċessjoni tal-għodod tal-manutenzjoni tal-portijiet u li jippreċiżaw il-kundizzjonijiet li jridu jkunu rispettati għall-finijiet ta' din iċ-ċessjoni.

(51) Skont dawn l-ittri, il-presidenti tal-bordijiet tal-portijiet marittimi l-kbar huma infurmati, minn naħa waħda, li s-CNECOP se titlob b'mod sistematiku lill-portijiet marittimi l-kbar biex jiġi konsultat espert sabiex jiġu evalwati l-assi għall-bejgħ. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li ssir, qabel ma tintbagħat quddiem is-CNECOP, evalwazzjoni teknika indipendanti tal-valur fis-suq tal-għodod tal-portijiet imwettqa minn kumpanija esperta indipendenti li għandha tidher fid-dossier sottomess lis-CNECOP.

(52) Il-presidenti tal-bords eżekuttivii tal-portijiet marittimi l-kbar min-naħa l-oħra huma informati li "anki jekk il-liġi ma tagħtix in-natura ta' opinjoni konformi, hu eskluż li wieħed imur lil hinn", peress li l-ebda att ta' ċessjoni li jvarja minn opinjoni mogħtija mis-CNECOP ma jista' jiġi ffirmat. B'hekk, fil-każ ta' opinjoni negattiva tas-CNECOP, hemm lok jew li "jissokta n-negozjar jekk id-data ta' referenza tas-CNECOP […] tkun tippermetti, u li jekk ikun il-każ jiġi ppreżentat dossier ġdid", jew inkella li "jkun aċċettat il-falliment fin-negozjar u tinfetaħ proċedura ta' sejħa għal proposti".

(53) Hu indikat ukoll li l-kummissarji tat-tmexxija tal-portijiet marittimi l-kbar se jopponu b'mod sistematiku għal kull deliberazzjoni tal-bord ta' sorveljanza tal-port li tinjora opinjoni tas-CNECOP u l-presidenti tal-bords eżekuttivii tal-portijiet marittimi l-kbar huma mfakkra dwar is-sanzjonijiet involuti f'każ li jagħtu vantaġġ mhux ġustifikat lil terzi matul l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

(54) Il-Kummissjoni tikkalkula li dawn il-preskrizzjonijiet indirizzati lill-presidenti tal-bords eżekuttivi tal-portijiet marittimi l-kbar dwar il-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni indipendenti tal-għodod ta' manutenzjoni għaċ-ċessjoni u dwar il-karatteristika vinkolanti tal-opinjoni tas-CNECOP, huma ta' natura li tiggarantixxi li l-għodod ikkonċernati mhumiex ser jinbiegħu bi prezz inferjuri għal dak tas-suq.

(55) Il-Kummissjoni tinnota li dan l-istat ta' fatt hu msaħħaħ ukoll mill-fatt li l-opinjoni tas-CNECOP trid tkun pubblikizzata kemm fuq livell nazzjonali, aċċertat mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll fuq livell lokali, aċċertat mill-portijiet ikkonċernati. Dawn il-pubblikazzjonijiet huma, f'każ ta' bżonn, tat-tip li jippermetti li jkunu kkontestati l-kundizzjonijiet ta' trasferiment tal-għodod ta' manutenzjoni kkonċernati.

(56) Dwar l-indipendenza u l-kwalifiki tal-membri tas-CNECOP għall-evalwazzjoni tal-oġġetti mibjugħa, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu lill-Kummissjoni il-curriculum vitae tal-erba' membri tagħha, fosthom dak tal-president.

(57) F'dan ir-rigward jista' jiġi nnutat li wieħed mill-membri tagħha, membru tal-Qorti tal-Awdituri, kien propost mill-Ewwel president tal-Qorti tal-Awdituri biex jippresjedi s-CNECOP u li dan għandu esperjenza professjonali marbuta b'mod dirett mal-affarijiet marittimi. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-indipendenza tal-maġistrati tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-setgħa leġiżlattiva u tas-setgħa eżekuttiva hi ggarantita mill-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958 u kkonfermata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali 2001-448 DC tal-25 ta' Lulju 2001.

([15]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Ministero dell'Economia e delle Finanze vs Cassa di Risparmio di Firenze*, C-222/04, Ġabra p. I-289, punt 129.

(58) Il-membru tas-CNECOP responsabbli mir-rappreżentanza tal-awtoritajiet territorjali għandu speċjalizzazzjoni marbuta direttament mal-portijiet marittimi. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-indipendenza tal-Membri Parlamentari fir-rigward tas-setgħa eżekuttiva hi ggarantita mill-Artikolu 16 tad-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin tas-26 ta' Awwissu 1789 li tikkonsakra l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat, u li tinsab fil-preambolu tal-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958.

(59) Dwar iż-żewġ membri proposti bħala persuni kwalifikati, huwa ċar mill-curriculum vitae tagħhom li wieħed minnhom għandu kompetenzi fil-qasam tal-portijiet u l-ieħor għandu kompetenzi fil-qasam taċ-ċessjonijiet ta' assi pubbliċi.

(60) L-awtoritajiet Franċiżi ddikkjaraw ukoll li, skont l-Artikolu 6 tad-Digriet nru 2008-1032 tad-9 Ottubru 2008 ([16]), xi regoli ta' inkompatibbiltà huma imposti fuq il-membri tas-CNECOP matul id-dewmien kollu tal-mandat tagħhom u għal ħames snin wara l-waqfien tal-mandat tagħhom (ara l-preambolu 36).

(61) Il-Kummissjoni tinnota li dawn ir-regoli ta' inkompatibbiltà jikkostitwixxu, f'dan il-każ, garanzija supplementari tal-indipendenza tal-membri tac-CNECOP.

(62) Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi u fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-obbligu li l-valur tas-suq tal-għodod jiġi vvalutat minn kumpanija esperta indipendenti, u li fuq il-bażi ta' dan il-membri tas-CNECOP, li huma ta' esperjenza u li huma indipendenti, joħorġu opinjoni vinkolanti fil-prinċipju, fil-prinċipju jippermetti li jiġi żgurat li t-trasferimenti jsiru skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(63) Suġġett għall-konformità stretta mal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi msemmija fit-titolu 6, dak li jirriżulta minn dan li ntqal hawn fuq hu li ma hemmx raġunijiet biex wieħed jikkunsidra li ċ-ċessjoni tal-għodod tal-manutenzjoni tal-portijiet li ssir fil-kuntest ta' bejgħ innegozjat hija suxxettibbli li tagħti vantaġġ ekonomiku lix-xerrejja ta' dak il-materjal. Min-naħa l-oħra, dan ma jkunx il-każ għal tranżazzjonijiet individwali eventwali li ma jirrispettawx strettament dawn il-kundizzjonijiet.

7. **KONKLUŻJONI**

(64) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-Kummissjoni

— tikkunsidra l-irtirar tan-notifika dwar iż-żewġ miżuri ta' akkumpanjament notifikati skont l-aspett fiskali tar-riforma tal-portijiet u identifikati fil-preambolu 2 tad-Deċiżjoni preżenti;

— tikkunsidra li l-proċedura ta' ċessjoni ta' għodod, tagħmir u installazzjonijiet speċifiċi tal-manutenzjoni tal-portijiet li kienet soġġetta wkoll għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2009 u spjegata fil-preamboli 16 sa 25 ta' din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura li tinvolvi t-trasferiment ta' tagħmir tal-manutenzjoni tal-portijiet lil operaturi privati li Franza qiegħda tippjana li twettaq fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet prevista mil-liġi nru 2008-660 tal-4 ta' Lulju 2008 ma tikkostitwixxix għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

It-twettiq ta' din l-għajnuna huwa għalhekk awtorizzat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi-President

([16]) Digriet nru 2008-1032 tad-9 ta' Ottubru 2008 adottat skont il-liġi nru 2008-660 tal-4 ta' Lulju 2008 dwar ir-riforma tal-portijiet u li jinkludi diversi dispożizzjonijiet relatati mal-portijiet.